MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2013

Rikors Numru. 12/2012

**Avukat Carmel Chircop (35164M)**

***kontra***

**Daniel Farrugia (557879M),**
**Louis Farrugia (870552M),**
**Eve Farrugia (502475M)**

**Il-Qorti :**

## I. <u>Preliminari</u>

Rat ir-rikors li l-Av. Carmel Chircop ("ir-rikorrent")ipprezenta fis-16 ta` Dicembru 2011 fejn, ghar-ragunijiet hemm indikati, talab lil din il-Qorti sabiex –

*Tordna lil Daniel Farrugia, Louis Farrugia u Eve Farrugia, jew min minnhom, sabiex jaderixxu mal-obbligi kollha imposti fl-artikolu 182 et sequitur tal-Att 386 tal-Ligijiet ta` Malta, inkluz izda mhux limitatament ghall-prezentazzjoni tal-audited accounts tal-kumpanniji Dolphin Industrial Services Limited (C28232), DIS Equipment Rental Ltd (C45248), DIS Combined Industries Ltd (C45250), DIS Heavy Construction Ltd (C41537), DIS Companies Ltd (C47833) u Metalfit Ltd (C3611) ghas-snin bazi 2009 u 2010 u li jissottomettu dawn id-dokumenti lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni u lir-Registratur tal-Kumpanniji skont il-ligi, fit-terminu u taht il-kundizzjonijiet u provvedimenti li din il-Qorti jidhrilha xierqa.*

Rat ir-ragunijiet li gab ir-rikorrent sabiex isostni t-talba tieghu. Fil-qosor kienu dawn –

i) Illi bejn l-1 ta` Jannar 2009 u t-23 ta` Settembru 2011, kien direttur tal-kumpanniji ndikati. Illum m`ghadux.

ii) Illi huwa kreditur tal-istess kumpanniji tant illi ressaq il-pretensjoni tieghu permezz ta` rikors guramentat bin-Nru. 997/2011 JP.

iii) Illi l-intimati huma diretturi u azzjonisti tal-kumpanniji citati.

iv) Illi ghas-snin 2009 u 2010 l-intimati naqsu mill-obbligi taghhom skond l-Art 182(1) tal-Kap 386.

v) Illi billi l-kumpanniji citati ghandhom kredituri privileggjati, jinsab espost ghal responsabilita`civili u kriminali *in solidum* mad-diretturi l-ohra.

vi) Illi l-intimati kienu interpellati b`ittra ufficjali tas-26 ta` Novembru 2011 skond l-Art 190(1) tal-Kap 386 izda baqghu nadempjenti.

Rat id-digriet taghha tat-30 ta` Dicembru 2011.

Rat ir-risposta li l-intimati ipprezentaw fit-8 ta` Frar 2012 fejn taw ir-ragunijiet taghhom ghaliex it-talba tar-rikorrent kellha tkun michuda. Fil-qosor ir-ragunijiet tal-intimati kienu dawn –

i) Illi r-rikorrent mhuwiex kreditur tal-kumpanniji citati ghaliex il-pretensjoni tieghu qeghda tkun kontestata fil-kawza Nru. 997/2011 JP, liema kawza ghadha pendenti. Kwindi r-rikorrent m`ghandux titolu ezekuttiv. Fl-istess waqt il-kreditu minnu pretiz huwa debitament kawtelat. U kwindi r-rikorrent m`ghandux interess jaghmel dan il-procediment.

ii) Diversi kienu l-kontijiet approvati fosthom dak ta` Dolphin Industrial Services Limited ghas-sena 2009.

iii) Mhux l-intimati kollha huma azzjonisti u diretturi. Kwindi kwalsiasi ordni li din il-Qorti tista` taghti ma tistax titwettaq.

Rat l-*abridged financial statements* ta` Dolphin Industrial Services Limited ghas-sena li ghalqet 31 ta` Dicembru 2009 li pprezentaw l-intimati.

Rat ir-replika li r-rikorrent ipprezenta fit-13 ta` Frar 2012 flimkien mad-dokumenti li kienu annessi.

Rat id-digriet taghha tad-9 ta` Awissu 2013 fejn appuntat ir-rikors ghall-provi u trattazzjoni ghall-udjenza ta` nhar it-Tnejn 30 ta` Settembru 2013 fit-8.30 a.m.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-30 ta` Settembru 2013.

Semghet ix-xiehda tar-rikorrent fl-udjenza tal-10 ta` Ottubru 2013 u rat id-dokument li pprezenta fl-istess udjenza.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-18 ta` Novembru 2013. Rat in partikolari d-dokument li kien ipprezentat fl-istess udjenza.

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn halliet ir-rikors sabiex taghti provvediment fil-miftuh fl-udjenza tal-lum.

**Ikkunsidrat :**

Illi r-rikorrent qieghed jitlob rimedju minn din il-Qorti abbazi tal-**Art 190 tal-Kap 386** li jaqra hekk –

*(1) Jekk –*

*(a) dwar zmien tal-kontijiet ta' kumpannija xi wahda mill-htigijiet ta' l-artikolu 182(1) ma tkunx giet imharsa qabel l-gheluq taz-zmien preskritt b'dak l-artikolu ; u*

*(b) id-diretturi tal-kumpannija jonqsu li jirrimedjaw in-nuqqas fi zmien erbatax-il jum wara n-notifika lilhom ta' avviz li jehtiegilhom tharis, il-qorti tista', fuq rikors ta' xi membru jew kreditur tal-kumpannija, jew tar-Registratur, taghmel ordni li jordna li d-diretturi jew xi hadd minnhom jirrimedja n-nuqqas f`dak iz-zmien li jista' jkun specifikat fl-ordni.*

*(2) L-ordni tal-qorti tista' tipprovdi li l-ispejjez kollha tar-rikors*
*u dawk incidentali ghalih jithallsu mid-diretturi.*

*(3) Ebda haga f’dan l-artikolu ma ttellef id-disposizzjonijiet ta’ dan l-Att dwar piena ghal nuqqas ta` tharis.*

Illi l-**Art 182(1) u 2(a) tal-Kap 386** jaqra hekk –

*(1) Iz-zmien permess ghat-tqeghid u approvazzjoni mill-kumpannija f`laqgha henerali tal-kontijiet annwali tal-kumpannija ghal zmien tal-kontijiet huwa kif se jinghad f’dan l-artikolu.*

*(2) Bla hsara ghas-subartikoli li gejjin ta’ dan l-artikolu, iz-zmien permess huwa -*

*(a) fil-kaz ta’ kumpannija privata, ghaxar xhur wara li jaghlaq iz-zmien ta` riferenza ghall-kontijiet rilevanti.*

Illi l-Qorti sejra tittratta tlieta mill-kwistjonijiet li kienu sollevati mill-intimati fir-risposta taghhom. Il-Qorti qeghda tirreferi fl-ewwel lok ghall-kontestazzjoni tal-intimati li r-rikorrent huwa kreditur taghhom ; fit-tieni lok, ghall-fatt illi r-rikorrent ma ppruvax min mill-intimati huwa direttur tal-kumpanniji in kwistjoni ; u fit-tielet lok, li l-procedura skond l-Art 190 mhijiex intiza biex direttur ikun imgieghel jibghat dokumenti lill-Kummissarju tat-Tat-Taxxi Interni.

Illi dwar l-ewwel kwistjoni, il-Qorti tghid illi l-Art 190(1)(b) huwa car fis-sens illi sabiex tiskatta l-procedura skond dik id-disposizzjoni min jaghmel it-talba jrid ikun membru jew kreditur jew ir-Registratur tal-Kumpanniji. Il-Qorti mhijiex taqbel mat-tifsira restrittiva li l-intimati qeghdin jaghtu tal-kelma *kreditur* fil-kuntest tal-Art 190(1)(b). Li kieku l-legislatur ried li dak ir-rimedju jispetta biss lil kreditur kanonizzat jew privileggjat, il-legislatur kien ighid hekk car u tond. Din il-Qorti hija tal-fehma li l-legislatur ma riedx jirrestringi r-rimedju, anzi ried iwessghu biex ikun disponibbli ghal kull kreditur. Fil-qasam socjetarju, in-negozju jigi kondott fuq il-fiducja.

Kumpanniji jkollhom bosta kredituri tan-negozju ; del resto anke huma stess hafna drabi ikunu kredituri ta` haddiehor. Ir-rimedju favur il-kredituri, ukoll jekk ma jkunux kredituri privileggjati jew muniti b`titolu ezekuttiv, huwa kjarament intiz biex izomm lid-diretturi taht kontroll billi jkun assikurat illi jipprezentaw il-kontijiet tal-kumpannija fiz-zmien stabbilit mil-ligi lir-Registratur tal-Kumpanniji halli hemm il-kontijiet ikunu disponibbli ghall-ezami u ghall-iskrutinju tal-pubbliku, komprizi huma bhala kredituri. Inoltre fil-kaz tal-lum, mhuwiex kontestat illi r-rikorrent qieghed jiddeduci l-pretensjoni tieghu b`azzjoni gudizzjarja. Ghalhekk il-Qorti tghid illi r-rikorrent jikkwalifika bhala *kreditur* ghall-fini tal-Art 190(1)(b) tal-Kap 386.

Illi diversa hija t-tieni kwistjoni sollevata mill-intimati.

Illi qabel xejn il-Qorti tirrileva illi sabiex jiskatta l-Art 190(1)(b) id-diretturi jridu jkunu naqsu li jirrimedjaw fit-terminu stabbilit mil-ligi wara li jkunu nghataw avviz – fil-kaz tal-lum – minn kreditur. Skond l-Av. Chircop, huwa pprezenta ittra ufficjali kontra l-intimati. Skond ir-rikorrent, l-att kien notifikat lill-intimati fis-26 ta` Novembru 2011. Ir-rikorrent pero` ma pprezentax l-ahjar prova kostitwita minn kopja legali tal-att gudizzjarju, kif kien obbligat jaghmel skond il-ligi. Il-Qorti mhijiex sodisfatta bil-prova li gab ir-rikorrent f`dan ir-rigward.

Illi karenza ohra fl-istanza tar-rikorrent hija l-prova li li l-intimati kienu diretturi tal-kumpanniji in kwistjoni fl-2009 u fl-2010.

Illi l-Qorti sejra tqis il-provi li tressqu fil-kaz tal-kumpanniji ndikati mir-rikorrent –

1) <u>Dolphin Industrial Services Limited – C28232</u>

L-“Abridged Financial Statements” tal-kumpannija ghas-sena li ghalqet fil-31 ta` Dicembru 2009 kienu prezentati lir-Registratur tal-Kumpanniji.

Skond dawn il-kontijiet, l-intimat Daniel Farrugia kien direttur tal-kumpannija fl-2009. Tidher infatti l-firma u l-kwalifika tieghu bhala direttur taht l-*abridged balance sheet* ghal dik is-sena (ara fol 12).

2) DIS Equipment Rentals Ltd – C45248

L-“Abridged Financial Statements” tal-kumpannija ghas-sena li ghalqet fil-31 ta` Dicembru 2009 kienu prezentati lir-Registratur tal-Kumpanniji.

Skond dawn il-kontijiet, jirrizulta li t-tliet intimati kienu diretturi tal-kumpannija fl-2009 (ara fol 33).

3) DIS Combined Industries Ltd – C45250

L-“Abridged Financial Statements” tal-kumpannija ghas-sena li ghalqet fil-31 ta` Dicembru 2009 kienu prezentati lir-Registratur tal-Kumpanniji.

Skond dawn il-kontijiet, jirrizulta li t-tliet intimati kienu diretturi tal-kumpannija fl-2009 (ara fol 41 u fol 49).

Illi fil-kaz ta` dawn it-tliet kumpanniji, il-Qorti m`ghandhiex prova ta` min kienu d-diretturi taghhom (oltre r-rikorrent) fl-2010.

Illi fil-kaz tat-tliet kumpanniji l-ohra u cioe` DIS Heavy Construction Ltd (C41537), DIS Companies Ltd (C47833) u Metalfit Ltd (C3611) ma tressqu l-ebda provi dwar min kienu d-diretturi taghhom (oltre r-rikorrent) fis-sentejn in kwistjoni.

Illi l-Qorti tirrileva illi bil-procedura skond l-Art 190(1)(b) il-legislatur ried jassikura l-presentata tal-kontijiet ta` kumpannija lir-Registratur tal-Kumpanniji. Id-disposizzjoni ma tirrigwardax persuni ohra – inkluz il-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

Illi l-Qorti tkompli tghid illi mhuwiex l-iskop tal-Art 190(1)(b) li jidhol fi kwistjonijiet ta` affidabilita` ta` kontijiet li jkunu gew prezentati, kif ittenta jaghmel ir-rikorrent fl-ambitu tal-procediment tal-lum. Jekk ir-rikorrent jidhirlu li ghandu kontestazzjoni dwar il-kontijiet presentati, il-binarju sabiex isostni l-kontestazzjoni tieghu mhuwiex l-Art 190 tal-Kap 386.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda <u>tichad</u> it-talba tar-rikorrent kif dedotta, spejjez ghar-rikorrent.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------